Nru. 17,823
Prezz Lm1.12ċ
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru, 2005
Friday, 30th September, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1001

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 53 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 li jemenda l-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni; u

Abbozz ta' Liġi Nru. 54 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 biex jemenda l-Att dwar Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur.

It-30 ta' Settembru, 2005

Nru. 1002

KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI (ATT XV TA' L-2001)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (Att XV of 2001), approva illi l-persuni li ġejjin jinħatru fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali għall-perijodu ta' sena mid-29 ta' Settembru 2005.

Chairperson
Is-Sur Victor Scicluna, CPAA, MIA

Deputat Chairperson
Dott. Godwin Grima, BA(Rel Studies), LLD, LTCL, Segretarju Permanenti Prinċipali

GOVERNMENT NOTICES

No. 1001

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 53 entitled the Patents and Designs (Amendment) Act, 2005; and

Bill No. 54 entitled the Motor Vehicles Registration Tax (Amendment) Act, 2005.

30th September, 2005

No. 1002

MALTA COUNCIL FOR ECONOMIC AND SOCIAL DEVELOPMENT (ACT XV OF 2001)

IT is hereby notified for general information that the Prime Minister, in accordance with the provisions of section 4 of the Malta Council for Economic and Social Development (Act XV of 2001), has approved that the following persons be appointed on the Malta Council for Economic and Social Development for a period of one year as from the 29th September 2005.

Chairperson
Mr Victor Scicluna, CPAA, MIA

Deputy Chairperson
Dr Godwin Grima, BA(Rel Studies), LLD, LTCL, Principal Permanent Secretary

Membri

Is-Sur Louis Apap Bologna, BA (Hons) (Econ), President tal-Kamra tal-Kummerċ u l-Intrapriża ta' Malta

Is-Sur Adrian Bajada, ACEA, FFA, AMIA, CSA, President tal-Federazzjoni ta' l-Industriji ta' Malta

Is-Sur John Bencini, BA(Hons) Lic. Phil., President tal-*Confederation of Malta Trade Unions*

Is-Sur Michael C. Bonello, MA(Oxon), Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta

Is-Sur Joseph Ebejer, Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, jirrapreżenta l-Politika Soċjali

Is-Sur Vincent Farrugia, BA (Hons) Econ, D.Econ, Direttur Ġenerali tal-*General Retailers and Traders Union*

Is-Sur Emmanuel Micallef, Deputat Segretarju Ġenerali tal-General Workers' Union

Is-Sur Arthur Muscat, BA (Gen), President ta' l-Assoċjazzjoni ta' min Iħaddem ta' Malta

Is-Sur Joseph Rapa, BA (Hons) Publ. Admin, MBA, Direttur Ġenerali (Politika Ekonomika), Ministeru tal-Finanzi jirrapreżenta l-Affarijiet Ekonomiċi

Ms Sylvia Sciberras, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tirrapreżenta l-Affarijiet ta' l-Unjoni Ewropea

Is-Sur Gejtu Vella, Segretarju Ġeneral tal-Union Ħaddiema Maghqudin

Is-Sur Paul Zahra, BA(Hons)Bus.Mngt, MBA, ACEA, AIDPM, FIS, Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi jirrapreżenta l-Finanzi

Is-Sur Justin Zammit Tabona, President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Lukandi u Ristoranti ta' Malta

Is-Sur Tony Zarb, Segretarju Ġeneral tal-General Workers' Union

Membri Sostituti

Is-Sur Paul Ablea, jirrapreżenta l-General Retailers and Traders Union

Ms Cecilia Attard Pirotta, BA(Hons) Pub. Admin., M.Dip., Segretarja Permanenti, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin jirrapreżenta l-Affarijiet ta' l-Unjoni Ewropea

Is-Sur Joseph Camilleri, DPA, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, jirrapreżenta l-Politika Soċjali

Ms Moira Catania, B.Comm, BA(Hons)(Economics), MA(European Studies), Ministeru tal-Finanzi, tirrapreżenta Affarijiet Ekonomiċi

Is-Sur Mario Debattista, Ministeru tal-Finanzi, jirrapreżenta l-Finanzi

Is-Sur Joseph Farrugia, jirrapreżenta l-Assoċjazzjoni ta' min Iħaddem ta' Malta

Is-Sur Martin Galea, ACA, jirrapreżenta l-Federazzjoni ta' l-Industrija

Is-SurAnthony Micallef Debono, P.G. Dip.Educ. (Admin. & Mangt.), jirrapreżenta l-Konfederazzjoni tal-Malta Trade Unions

Is-Sur Michael Parnis, Dipl.Ind.Rel, jirrapreżenta l-General Workers' Union

Dott. Hugh Peralta, BA, LLD, Segretarju Ġenerali, jirrapreżenta l-Assoċjazzjoni tal-Lukandi u Ristoranti ta' Malta

Members

Mr Louis Apap Bologna, BA (Hons) (Econ), President of the Malta Chamber of Commerce and Enterprise

Mr Adrian Bajada, ACEA, FFA, AMIA, CSA, President of the Malta Federation of Industry

Mr John Bencini, BA(Hons) Lic. Phil., President of the Confederation of Malta Trade Unions

Mr Michael C. Bonello, MA(Oxon), Governor of the Central Bank of Malta

Mr Joseph Ebejer, Permanent Secretary, Ministry for the Family and Social Solidarity, representing Social Policy

Mr Vincent Farrugia, BA (Hons) Econ, D.Econ, Director General of the General Retailers and Traders Union

Mr Emmanuel Micallef, Deputy Secretary General of the General Workers' Union

Mr Arthur Muscat, BA (Gen), President of the Malta Employers' Association

Mr Joseph Rapa, BA (Hons) Publ. Admin, MBA, Director General (Economic Policy), Ministry of Finance representing Economic Affairs

Ms Sylvia Sciberras, Ministry of Foreign Affairs, representing European Union Affairs

Mr Gejtu Vella, Secretary General of the Union Haddiema Maghqudin

Mr Paul Zahra, BA(Hons)Bus.Mngt, MBA, ACEA, AIDPM, FIS, Permanent Secretary, Ministry of Finance representing Finance

Mr Justin Zammit Tabona, President of the Malta Hotels and Restaurants Association

Mr Tony Zarb, Secretary General of the General Workers' Union

Substitute Members

Mr Paul Abela, representing the General Retailers and Traders Union

Ms Cecilia Attard Pirotta, BA(Hons) Pub. Admin., M.Dip., Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, representing European Union Affairs

Mr Joseph Camilleri, DPA, Ministry for the Family and Social Solidarity, representing Social Policy

Ms Moira Catania, B.Comm, BA(Hons)(Economics), MA(European Studies), Ministry of Finance, representing Economic Affairs

Mr Mario Debattista, Ministry of Finance, representing Finance

Mr Joseph Farrugia, representing the Malta Employers' Association

Mr Martin Galea, ACA, representing the Malta Federation of Industry

Mr Anthony Micallef Debono, P.G. Dip.Educ. (Admin. & Mangt.), representing the Confederation of Malta Trade Unions

Mr Michael Parnis, Dipl.Ind.Rel, representing the General Workers' Union

Dr Hugh Peralta, BA, LLD, Secretary General, representing the Malta Hotels and Restaurants Association

Is-Sur David A. Pullicino, ACIB, jirrapreżenta l-Bank Ċentrali ta' Malta

Is-Sur Salv Sammut, Dip. Soc.Studies(Ind.Rel.) jirrapreżenta l-General Workers' Union

Is-Sur Michael Scerri, FCCA, FIA, CPAA, jirrapreżenta l-Kamra tal-Kummerċ u Intraprizà ta' Malta

Is-Sur Gaetano Tanti, jirrapreżenta l-Union Ħaddiema Magħqudin

It-30 ta' Settembru, 2005
OPM 181/2001/III

Mr David A. Pullicino, ACIB, representing the Central Bank of Malta

Mr Salv Sammut, Dip. Soc.Studies(Ind.Rel.) representing the General Workers' Union

Mr Michael Scerri, FCCA, FIA, CPAA, representing the Malta Chamber of Commerce and Enterprise

Mr Gaetano Tanti, representing the Union Ħaddiema Magħqudin

30th September, 2005

Nru. 1003

AĠENZIJI TA' IMPIEG BIL-LIĊENZA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Aġenziji ta' Impieg li jidhru hawn taħt ingħataw liċenza mid-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impieg skond paragrafu 6 tar-Regolamenti ta' l-1995 dwar l-Aġenziji ta' l-Impieg b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2005.

Nru. ta' l-Aġenzija ta' l-Impieg *Employment Agency No.*	Isem ta' min għandu Liċenza *Name of Licensee*
1-95	Crown Advertising Ltd.
2-95	Misco Ltd.
3-95	Personnel Resources Ltd.
4-95	HRD Consultancy Services & Co.
6-95	Commercial Services Bureau Ltd.
7-95	Secretarial Services Ltd.
8-95	Pricewaterhousecoopers
12-95	KPMG Advisory Services Ltd.
13-95	Medserv Ltd.
14-96	Deloitte & Touche Consultants Ltd.
15-96	Universal Publicity Services Ltd.
16-96	Ernst & Young
17-96	BDO - Attard Buttigieg Psaila & Co.
18-96	Grant Thornton
19-96	People & Co. Ltd.
21-96	Malta Hotel & Catering Services Ltd.
26-98	Outlook Coop - Management & Communications
29-99	M. Fsadni & Associates
30-99	TGS Co. Ltd.
31-99	Marmara' Camilleri & Co.
32-00	Francis J. Vassallo & Associates Ltd.
34-04	Sana Teck Ltd
35-00	Innovative Travel Services Ltd.
36-00	HLB Falzon & Falzon
39-01	Ableman International Ltd
40-01	Unique Travel Ltd
41-01	Baltimore Consulting Ltd.
44-02	Andrew Galea & Associates
46-03	Lex Consulta International Ltd
47-03	Santucci & Brown International Ltd

No. 1003

LICENSED EMPLOYMENT AGENCIES

IT is notified for general information that the Employment Agencies listed below have been issued with a licence by the Director of Industrial and Employment Relations in terms of paragraph 6 of the Employment Agencies Regulations, 1995 as at 1st September, 2005.

48-04	F.A.C.T. Consulting Ltd
49-04	Attard Giglio + Co
50-05	Erremme Options Ltd
51-05	People Solutions International Ltd
52-05	Avanzia Consulting
53-05	Busuttil + Micallef

It-30 ta' Settembru, 2005

30th September, 2005

Nru. 1004

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1004

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għall-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Romilda Vella	531182 (M)	365, "Velbon", Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar
Carmelo Tabone	536560 (M)	"Mon Reve", Triq De Warsbergh, Gudja
Anthony Spiteri	1067747 (M)	400, "Royce", Triq il-Vitorja, Qormi
Franco Portelli	403385 (M)	27, Triq Santa Katerina, Gudja
Raymond Ciantar	720652 (M)	54, Flat 2, Triq Manoel De Vilhena, Gżira
Silvan Vassallo	57883 (M)	23, "Nickcarm", Triq Tal-Providenza, Siġġiewi
Edwin Scicluna	457958 (M)	79 C, Triq Burmarrad (Burmarrad), San Pawl il-Baħar
Agnes Gatt	58366 (M)	"Northumbria", Flat 4, Triq ix-Xolfa, San Pawl il-Baħar
Anthony Ungaro	378063 (M)	5, Triq Sir William Reid, Gżira
Daniel Dimech	104686 (M)	"Dimrot", Triq il-Labour, Żejtun
Christopher Marius Joseph Agius	185182 (M)	"Fair Winds", Triq l-Iskal, Marsascala
Elvis Zahra	181078 (M)	Blokk 11, Flat 1, Triq Profs. Walter Ganado, Pembroke
Larkin Pisani	90883 (M)	15, Triq il-Kanonku Bonnici, Ħamrun

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-30 ta' Settembru, 2005

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

30th September, 2005

Nru. 1005

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 1005

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
23. 09. 05	Lm5.35c6	9c5
26. 09. 05	Lm5.37c6	9c5
27. 09. 05	Lm5.42c6	9c6
28. 09. 05	Lm5.36c8	9c5
29. 09. 05	Lm5.43c7	9c6

Nru. 1006

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET
(Kap. 296)

Avviż li hemm il-ħsieb li Titoli ta' Art jiġu Rreġistrati

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:-

No. 1006

LAND REGISTRATION ACT

(Cap. 296)

Notice of Intention to Register Titles to Land

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:-

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
B'Kara *B'Kara*	Il-fond Nru 48 u l-kantina Nru 50A, in parti sottostanti l-imsemmi fond, fi Triq il-Herba; *Tenement No 48 and the basement at No 50A, in part underlying the said tenement, in Triq il-Herba;*	Manuel Bezzina Co Ltd	C 10917	2314/05
B'Kara *B'Kara*	Id-dar jisimha 'Saint Mary' fi Triq is-Santwarju; *The house named 'Saint Mary' in Triq is-Santwarju;*	Elena Geraldine Mifsud		2389/05
B'Kara *B'Kara*	Nofs indiviz mill-art Tal-Barumbara, kontrada Ta' Sqaq it-Torri sive Tal-Qattus; *One half undivided share of the land Tal-Barumbara, district of Ta' Sqaq it-Torri sive Tal-Qattus;*	Carmelo Burlo' u Maria Bugeja	447437M 658840M	2318/05
B'Kara *B'Kara*	Id-dar Nru 6 jisimha 'Perla' fi Triq Manwel De Vilhena u l-garaxx Nru 36 anness maghha accessibbli minn Triq il-Vittmi tal-Gwerra; *House No 6 named 'Perla' in Triq Manwel De Vilhena and the annexed garage at No 36 accessible from Triq il-Vittmi tal-Gwerra;*	Rene Bartolo u martu Caroline	251373M 168873M	2341/05
Hal-Qormi *Hal-Qormi*	Il-fond Nru 86 jismu 'Dar il-Fjur' fi Triq il-Helsien; *Tenement No 86 named 'Dar il-Fjur' in Triq il-Helsien;*	George Galea u martu Mary	131748M 877351M	2275/05
Hal-Qormi *Hal-Qormi*	Il-mahzen jismu 'Yorkie' fi Triq il-Kummerc; *The warehouse named 'Yorkie' in Triq il-Kummerc;*	Master Mouldings Ltd	C 5699	2283/05
Hal-Qormi *Hal-Qormi*	Il-mahzen Nru 16 fi Triq Gdida go Triq San Gwakkin, l-Imriehel; *Warehouse No 16 in New Street of Triq San Gwakkin at Mriehel;*	Tabone Enterprises (Malta) Ltd.,		2348/05

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Hal-Tarxien *Hal-Tarxien*	Bicca art tal-kejl ta' 28 m.k.; *A plot of land covering an area of 28 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		2263/05
Haz-Zebbug *Haz-Zebbug*	Bicca art tal-kejl ta' 86 m.k.; *A plot of land covering an area of 86 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		2257/05
Haz-Zebbug *Haz-Zebbug*	Id-dar Nru 13 jisimha 'Millenia', il-garaxx Nru 11 anness maghha u gardina retroposta tal-kejl ta' 212 m.k., fi Triq l-Eroj; *House No 13 named 'Millenia', garage No 11 annexed to it and the back garden that covers an area of 212 s.m., in Triq l-Eroj;*	Noel Grech u martu Victoria	199674M 326574M	2320/05
Haz-Zebbug *Haz-Zebbug*	Il-fond Nru 4, fi Sqaq Nru 3 go Triq il-Kandlora; *Tenement No 4, in Alley No 3 off Triq il-Kandlora;*	Godfrey Borg	229279M	2398/05
Kalkara *Kalkara*	Is-subutile dominju perpetwu tal-fond Nru 5 fi Triq San Mikiel; *The perpetual subutile dominium of tenement No 5 in Triq San Mikiel;*	Carmelo Pullicino et	639432M	2351/05
L-Isla *L-Isla*	Il-fond Nru 170/171 fi Triq San Guzepp; *Tenement No 170/171 in Triq San Guzepp;*	Terence Francis Hill		2363/05
L-Isla *L-Isla*	Id-dar bin-Nri 27 u 28, bl-arja taghha, fi Triq Portu Salvu; *The house at Nos 27 and 28, with its own airspace, in Triq Portu Salvu;*	Michael J Walmsley u martu Lucrezia		2388/05
Mellieha *Mellieha*	L-utile dominju temporanju ta' Plot 248 tal-kejl ta' 964 m.k., fi Triq il-Merill, Santa Maria Estate; *The temporary utile dominium of Plot 248 covering an area of 964 s.m., in Triq il-Merill, Santa Maria Estate;*	Mark Borg u martu Maria Dolores	8763M 545063M	2255/05
Mosta *Mosta*	Id-dar markata mhux ufficjalment bin-Nri 10 u 12, fi Triq il-Qasira; *The house unofficially marked with Nos 10 and 12, in Triq il-Qasira;*	Anthony Micallef	442076M	2329/05
Msida *Msida*	Bicca art f' Tal-Qroqq tal-kejl ta' 10 m.k.; *A plot of land at Tal-Qroqq covering an area of 10 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		2259/05
Naxxar *Naxxar*	Bicca art fil-Maghtab tal-kejl ta' 6,604 m.k.; bicca art fil-Maghtab tal-kejl ta' 7,071 m.k.; *A plot of land at Maghtab covering an area of 6,604 s.m.; a plot of land at Maghtab covering an area of 7,071 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		2256 u 2258 ta' l-2005

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Qrendi	Porzjoni diviza mill-ghalqa Taz-Zelliqat tal-kejl ta' 564 m.k.;	Maria Assunta Farrugia u Giovanna Caruana		2421/05
Qrendi	A divided portion of the field Taz-Zelliqat covering an area of 564 s.m.;			
Qrendi	L-ghalqa Tal-Hniena tal-kejl ta' 800 m.k.;	Raymond Debono	777056M	2445/05
Qrendi	*The field Tal-Hniena covering an area of 800 s.m.;*			
Qrendi	L-ghalqa Il-Gardina tal-kejl ta' 539 m.k., fil-kontrada ta' San Mattew;	Edmond Farrugia u martu Simone	147670M 142273M	2449/05
Qrendi	*The field Il-Gardina covering an area of 539 s.m., in the district of San Mattew;*			
Qrendi	L-ghalqa tal-kejl ta' 1,902 m.k., accessibbli minn moghdija li tizbokka go Triq tal-Muddei;	Carmelo Sacco u martu Miriam	126855M 382657M	2450/05
Qrendi	*The field covering an area of 1,902 s.m., accessible from a passage abutting into Triq tal-Muddei;*			
Rabat	L-utile dominju perpetwu ta' Plots 20C u 21C tal-kejl kumplessiv ta' 267 m.k., kif ukoll strixxa art tal-kejl ta' 18 m.k., ilkoll mill-art Ta' Gheriexem sive Ta' Qasha, fil-kontrada tal-Knisja Ta' Qasha;	Frederick Clark	839335M	2271/05
Rabat	*The perpetual utile dominium of Plots 20C and 21C together covering an area of 267 s.m., together with a strip of land covering an area of 18 s.m., all from the land Ta' Gheriexem sive Ta' Qasha, in the district of Ta' Qasha Church;*			
Rabat/Mdina	Porzjoni diviza mill-art Ta' Dwiewer tal-kejl ta' 457 m.k., kif ukoll terz indiviz tal-bitha u giebja adjacenti tal-kejl ta' 100 m.k., u karma tal-kejl ta' 15 m.k.;	Josef Sammut u Maria Dolores Sammut	214792M 451577M	2272/05
Rabat/Mdina	*A divided portion of the land Ta' Dwiewer covering an area of 457 s.m., together with a third undivided share of an adjacent yard and well covering an area of 100 s.m., and a room covering an area of 15 s.m.;*			
San Giljan	Bicca art tal-kejl ta' 205 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		2260/05
San Giljan	*A plot of land covering an area of 205 s.m.;*	*The Government of Malta*		
San Giljan	Nofs indiviz ta' l-appartament Nru 1 u s-sehem tieghu mill-partijiet komuni, formanti parti mill-fond Nru 60 fi Triq Spinola;	Elaine Judity Retzloff		2356/05

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Giljan	*One half undivided share of apartment No 1 and its share of the common parts, forming part of tenement No 60 in Triq Spinola;*			
San Giljan	Bicca art tal-kejl ta' 196 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		2312/05
San Giljan	*A plot of land covering an area of 196 s.m.;*	*The Government of Malta*		
San Gwann	L-appartament Nru 4, accessibbli minn Blokk 8, Entratura A, fiTriq il-Ballut;	L-Awtorita' tad-Djar		2306/05
San Gwann	*Apartment No 4, accessible from Block 8, Entrance A, in Triq il-Ballut;*	*The Housing Authority*		
San Pawl il-Bahar	Bicca art tal-kejl ta' 106 m.k., fil-Mistra;	Il-Gvern ta' Malta		2282/05
San Pawl il-Bahar	*A plot of land covering an area of 106 s.m., at Mistra;*	*The Government of Malta*		
San Pawl il-Bahar	Plot Nru 15 tal-kejl ta' 176 m.k., mill-art Ix-Xaghra tax-Xemxija;	John Falzon	660730M	2345/05
San Pawl il-Bahar	*Plot No 15 covering an area of 176 s.m., of the land Ix-Xaghra tax-Xemxija;*			
Tas-Sliema	Id-dar Nru 16 u l-garaxx Nru 16A, fi Triq il-Madonna tas-Sacro Cuor;	BKM Ltd	C 33221	2426/05
Tas-Sliema	*House No 16 and garage No16A, in Triq il-Madonna tas-Sacro Cuor;*			
Zurrieq	Nofs indiviz tal-fond jismu 'Faisa' go Triq il-Wied;	Rosina Farrugia et	813945M	2447/05
Zurrieq	*One half undivided share fo the tenement named 'Faisa' in Triq il-Wied;*			
Zurrieq/ B'Bugia	*A plot of land covering an area of 31 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq/ B'Bugia	Bicca art tal-kejl ta' 31 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		2261/05

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-Xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dott Stephanie Pappalardo, LL.D.
Reġistratur ta' l-Artijiet

Dr Stephanie Pappalardo, LL.D.
Land Registrar

It-30 ta' Settembru, 2005

30th September, 2005

Nru. 1007

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMTARFA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 912, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Awissu, 2005, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien fl-Imtarfa', għandhom isiru dawn l-emendi:

No. 1007

RENUMBERING OF DOORS AT MTARFA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 912, published in Government Gazette dated 30th August, 2005, under the title of 'Renumbering of Doors at Mtarfa', the following amendments should be made:

SKEDA/*SCHEDULE*
L-IMTARFA

TRIQ SAN DAVID

Għandhom jiġu kkanċellati
Should be cancelled

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Imtarfa

Left side entering from Triq l-Imtarfa

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Imtarfa

Right side entering from Triq l-Imtarfa

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
4B	12
3B	14
2B	16
1B	18
6B	20
5B	22
4A	24
5A	26
1A	28
2A	30
3A	32
10B	34
9B	36
8B	38
7B	40
12B	42
11B	44
9A	46
10A	48
6A	50
7A	52
8A	54
16B	56
15B	58
14B	60
13B	62
18B	64
17B	66
14A	68
15A	70
11A	72
12A	74
13A	76
20B	78
19B	80
22B	82
17A	84
18A	86
16A	88

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 92

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jipparkjaw fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gudja

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Ottubru, 2005 fit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Marija, R. Caruana, il-Kbira sal-Każin tal-Banda.

Nhar il-Ħadd, it-2 ta' Ottubru, 2005 fl-10.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: iż-Żebbuġa, San Mark, il-Kbira, San Ciro, Bettina, G. Pace, Santa Katerina u R. Caruana.

Nhar il-Ħadd, it-2 ta' Ottubru, 2005 fis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Marija, Annunzjata, R. Caruana sal-Pjazza, San Ciro, Santa Katerina sal-Każin tal-Banda.

Il-vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż jistgħu jiġu rmunkati.

It-30 ta' Settembru, 2005

POLICE NOTICE

No. 92

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Gudja

On Saturday, 1st October, 2005 at 8.00 p.m. through the following streets: Santa Marija, R. Caruana, il-Kbira to Band Club.

On Sunday, 2nd October, 2005 at 10.30 a.m. through the following streets: iż-Żebbuġa, San Mark, il-Kbira, San Ciro, Bettina, G. Pace, Santa Katerina and R. Caruana.

On Sunday, 2nd October, 2005 at 7.00 p.m. through the following streets: Santa Marija, Annunzjata, R. Caruana to Square, San Ciro, Santa Katerina to Band Club.

Vehicles found in contravention of this Notice are liable to be towed.

30th September, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 93

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħad-Dingli

Nhar il-Ħadd, id-9 ta' Ottubru 2005, mill-11.15 a.m. sa nofsinhar mit-toroq li ġejjin: San Ġwann Bosco, il-Kbira, Għar Bettija, Ġużé Cutajar, Ġużé Ellul Mercer, Misraħ il-Mafkar, Pawlu Ebejer, Cllaudette Agius, Francesco Zammit, San Pawl, Misraħ Frenċ Abela, Ċensa Spiteri, Dun Karm Frendo, ix-Xefaq, Lemħet Filfla, Dun Xand Cortis, il-Ħawli, il-Għabex, Misraħ Suffara, San Pawl tal-Pitkali, Ġann Marì Abela, il-Maddalena, il-Ġnien, it-Turretta u Inguanez.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-30 ta' Settembru, 2005

POLICE NOTICE

No. 93

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Dingli

On Sunday, 9th October 2005, from 11.15 a.m. to noon through the following streets: San Ġwann Bosco, il-Kbira, Għar Bettija, Ġużé Cutajar, Ġużé Ellul Mercer, Misraħ il-Mafkar, Pawlu Ebejer, Cllaudette Agius, Francesco Zammit, San Pawl, Misraħ Frenċ Abela, Ċensa Spiteri, Dun Karm Frendo, ix-Xefaq, Lemħet Filfla, Dun Xand Cortis, il-Ħawli, il-Għabex, Misraħ Suffara, San Pawl tal-Pitkali, Ġann Marì Abela, il-Maddalena, il-Ġnien, it-Turretta and Inguanez.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

30th September, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 56 ta' l-2005

Rolex Middle Sea Race 2005

Ir-Royal Malta Yacht Club se jorganizza r-Rolex Middle Sea Race nhar is-Sibt, it-22 ta' Ottubru, 2005.

Il-programm tat-tellieqa se jkun kif ġej:

1. L-Erbgħa, 19 ta' Ottubru 2005 u l-Ħamis, 20 ta' Ottubru 2005

It-tlielaq ta' ġurnata max-xtut se jibdew fid-9.00 a.m. mill-Port ta' Marsamxett, iduru ma' Kemmuna u/jew Għawdex u jispiċċaw lura fil-Port ta' Marsamxett.

2. Is-Sibt, 22 ta' Ottubru, 2005

Ir-Rolex Middle Sea Race mid-9.30 a.m. Ir-rotta se tkun stabbilita kif ġej:

Se tibda mill-Port ta' Marsamxett, imbagħad tiġbed lejn direzzjoni tat-Tramuntana matul ix-xatt ta' Malta.

Se titqiegħed baga' safra fil-pożizzjoni approssimattiva:

Latitude (T)	*Longitude*(L)
35°54'.42	14°31'.20

'l hinn mill-Ponta ta' Dragutt Point u għandha tkun fuq ix-xelluq tal-ġenb tal-lemin tal-bastiment;

Se titqiegħed baga safra fil-pożizzjoni approssimattiva:

Latitude (T)	*Longitude*(L)
35°56'.29	14°30'.00

fuq is-Sikek ta' barra ta' San Ġorġ u għandha tkun fuq ix-xelluq tal-ġenb tax-xellug tal-bastiment;

Se titqiegħed baga safra fil-pożizzjoni approssimattiva:

Latitude (N)	*Longitude*(E)
35°57'.00	14°28'.00

'l hinn mill-Ponta ta' l-Għallis u għandha tkun fuq ix-xellug tal-ġenb tal-lemin tal-bastiment;

u mbagħad jiġbdu f'direzzjoni tal-Grigal lejn Sqallija.

Il-baħħara huma mitluba biex ma jostakolawx il-kanal navigabbli waqt il-bidu tat-tlielaq u biex ibaħħru b'kawtela u joqogħdu attenti meta jkunu qrib ir-rotta u l-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq u jżommu 'l bogħod mill-parteċipanti meta jilmħuhom.

It-30 ta' Settembru, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 56 of 2005

Rolex Middle Sea Race 2005

The Royal Malta Yacht Club will be holding the Rolex Middle Sea Race on Saturday, 22nd October, 2005.

The race programme is as follows:

1. Wednesday, 19th October 2005 and Thursday, 20th October 2005

Day coastal races will start at 9.00 a.m. from Marsamxett Harbour, go round Comino and/or Gozo and finish back at Marsamxett Harbour.

2. Saturday, 22nd October 2005

Rolex Middle Sea Race from 9.30 a.m. The course is set as follows:

Start from Marsamxett Harbour, then preceeding in a Northerly direction along the coast of Malta.

A yellow buoy will be laid at the approxiamate position:

Latitude (N)	Longitude(E)
35°54'.42	14°31'.20

off Dragut Point and shall be left to port;

A yellow buoy will be laid at the approxiamate position:

Latitude (N)	Longitude(E)
35°56'.29	14°30'.00

on the outer St George's Shoals and shall be left to starboard.

A yellow buoy will be laid at the approxiamate position:

Latitude (N)	Longitude(E)
35°57'.00	14°28'.00

off Għallis Point and shall be left to starboard;

then proceeding in a North Easterly direction for Sicily.

Mariners are requested to keep the Marsamxett fairway clear during the start of the races and to navigate with caution and keep a sharp lookout when in the vicinity to the above-mentioned course and positions and give the participants a wide berth when sighted.

30th September, 2005

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)

	2005
Jannar	104.70
Frar	105.33
Marzu	105.82
April	106.27
Mejju	106.69
Ġunju	106.65
Lulju	105.77
Awissu	105.83

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

Oġġetti	*Lulju 2005*	*Awissu 2005*	*Effett fuq l-Indiċi*
Ikel			
Ħut frisk jew iffriżat	114.18	127.43	0.08
Frott frisk jew iffriżat	105.80	102.60	-0.05
Ħaxix	95.67	102.16	0.07
Ħwejjeġ u Żraben			
Ħwejjeġ ta' l-irġiel	80.06	75.58	-0.06
Ħwejjeġ tan-nisa	76.57	66.11	-0.20
Trasport u Komunikazzjoni			
Trasport bl-ajru	109.80	115.34	0.27

RETAIL PRICES INDEX

All Items (December 2002 = 100)

	2005
January	104.70
February	105.33
March	105.82
April	106.27
May	106.69
June	106.65
July	105.77
August	105.83

Items causing most change:–

Items	*July 2005*	*August 2005*	*Effect on Index*
Food			
Fish, fresh or chilled	114.18	127.43	0.08
Fruits, fresh or chilled	105.80	102.60	-0.05
Vegetables	95.67	102.16	0.07
Clothing and Footwear			
Men's outerwear	80.06	75.58	-0.06
Women's outerwear	76.57	66.11	-0.20
Transport and Communication			
Air transport services	109.80	115.34	0.27

EUROPEAN UNION

Vacancy Notices – GNSS Supervisory Authority
(Galileo European Satellite Navigation System)

The European GNSS Supervisory Authority (responsible for the European Satellite Navigation programmes Galileo and EGNOS) has published on the website of the Authority at:

http://europa.eu.int/comm/dgs/energy_transport/galileo/whatsnew/index_en.htm vacancy notices for applications for the following positions Temporary Agents/Contract Staff:

1) Ref: GSA/A/2005/200 Head of Finance and Administration Department – Temporary Agent

2) Ref: GSA/A/2005/310 Head of System Definition - Temporary Agent

3) Ref: GSA/A/2005/331 Frequencies Coordination Engineer - Temporary Agent

4) Ref: GSA/A/2005/333 Certification Engineer - Temporary Agent

5) Ref: GSA/A/2005/430 Risk and Contingency Analyst - Temporary Agent

6) Ref: GSA/A/2005/500 Head of Security - Temporary Agent

7) Ref: GSA/B/2005/230 ICT and Logistics Officer - Temporary Agent

8) Ref: GSA/C/2005/110 Senior Secretary – Contract Staff

9) Ref: GSA/C/2005/141 Secretary - Contract Staff

Contracts are all for a three-year period and may be renewed.

All relevant information concerning these vacancy notices such as the job description, eligibility, qualifications required, and on the application procedure is contained in the vacancy notices which may be downloaded from the website at: http://europa.eu.int/comm/dgs/energy_transport/galileo/sa/jobs_en.htm

The information was also published on the European Personnel Selection Office (EPSO) and may be seen on the EPSO website under its "non-permanent posts section" at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm

Applications must be sent to mailbox TREN-GSA@cec.eu.int until 9 October 2005 at the latest, clearly indicating the vacancy reference number in the subject line.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

30th September, 2005

EUROPEAN UNION

Vacancies for Senior Management Posts

The European Personnel Selection Office (EPSO), on behalf of the European Commission, has published the following calls for applications for the recruitment of Directors (Grade A*14) in the "Senior Management and Advisory Functions" section of its website at http://europa.eu.int/epso/index_en.htm.

The calls are:

1. Ref: COM/2005/10003 – Director of the Institute for Health and Consumer Protection of the Joint Research Centre at Ispra (Italy).

2. Ref: COM/2005/10005 – Director in Directorate C – "Public Health and Risk Assessment" in the Directorate General Health and Consumer Protection (DG SANCO). Reserved for citizens from the ten new Member States of the European Union.

In the context of the enlargement of the European Union, the European Commission is recruiting a number of senior management officials from the ten new Member States (Cyprus, Czech Republic, Estonia, Hungary, Latvia, Lithuania, Malta, Poland, Slovakia and Slovenia). Vacancy (2) above, Ref: COM/2005/10005 is therefore reserved for citizens from the ten new Member States of the European Union.

Information on the full job descriptions and duties, on eligibility, on qualifications and experience, on application details and other general information in respect of the above two posts may be seen at:
http://europa.eu.int/comm/dgs/personnel_administration/working_senior_mgt_en.htm

In order to apply for any of the above posts one must register via the Internet by going to the above website and following the instructions there concerning the various stages of the procedure. Candidates are to note that they should have an e-mail address, which will be used to identify their registration.

The closing date for registration for the above two posts is noon of 6 October, 2005. On-line registration will not be possible after 12.00 noon Brussels time.

The posts are being published in parallel with a number of other senior management posts. Candidates who wish to apply for more than one post must submit a separate application for each post.

Applicants with a disability that prevents them from registering online are to check the respective vacancy notice on the above website for the method of application in each case.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

30th September, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Postijiet - *Lecturing Staff*

Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għal membri tal-*lecturing staff* li jkunu kwalifikati u bl-esperjenza fix-Xjenza Applikata.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Lecturing Staff

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for lecturing staff who are qualified and experienced in Applied Science.

L-applikanti għandu jkollhom B.Ed. jew lawrija oħra fil-Kimika u/jew Bijoloġija.

Aktar dettalji u l-formola ta' l-applikazzjoni jinkisbu mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-MCAST Main Campus.

Kandidati prospettivi huma mistiedna li jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni tal-Kulleġġ u l-*Employment History Sheet* mimlija kif suppost li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, is-17 ta' Ottubru 2005 f'nofsinhar. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Permess ta' l-ETC 82/2005

It-30 ta' Settembru, 2005

Applicants should be in possession of a B.Ed. or other degree in Chemistry and/or Biology.

Further details and application forms are available from the Human Resources Office at MCAST Main Campus.

Prospective candidates are invited to submit the completed College Application Form and their Employment History Sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 17th October 2005 at noon. Applications are to be addressed to the Human Resources Office at the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08. Late applications will not be considered.

ETC Permit 82/2005

30th September, 2005

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI

EU Programmes Access Network għal *Micro Firms*

Sejħa għal Ditti li jipprovdu Servizzi ta' Konsulenza lill-UE

Is-Segretarjat Parlamentari għal Negozji Żgħar u *Self Employed* qed jistabbilixxi *Programmes Access Network* ta' l-UE għal *Micro Firms* (Ditti Żgħar Ħafna) biex jinkoraġġixxi, jiffaċilita u jistimola s-sehem ta' Intrapriżi Żgħar Ħafna Maltin fi Programmi u Inizjattivi ta' Ffinanzjar ta' l-UE.

Qed jinġabar mis-Segretarjat Parlamentari *Database* ta' ditti li jfornu servizzi ta' konsulenza lill-*Micro Enterprises* li jridu jibagħtu proposti ta' proġetti skond diversi Programmi u Inizjattivi Miftuħa ta' l-UE. Id-*Database* se jintuża mill-*Programmes Access Network* ta' l-UE għal *Micro Firms* u jsir disponibbli bħala punt ta' riferenza għal *Micro Enterprises* f'Malta li qed ifittxu servizzi ta' konsulenza meta japplikaw għall-Programmi ta' l-UE.

Ditti interessati li jfornu Servizzi ta' Konsulenza fl-Iffinanzjar mill-UE u li jridu jiġu elenkati fid-*Database* ta' Ditti ta' Konsulenza ta' l-UE tas-Segretarjat Parlamentari għal Negozji Żgħar u *Self-Employed*, huma hekk mistiedna biex jibagħtu l-intenzjoni tagħhom bil-miktub lis-Segretarjat Parlamentari għal Negozji Żgħar u *Self-Employed*, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, Casa Leoni, Triq il-Kbira San Ġużepp, Sta. Venera CMR 02, mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Ottubru 2005.

It-30 ta' Settembru, 2005

MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

Eu Programmes Access Network For Micro Firms

Call for Firms providing EU Consultancy Services

The Parliamentary Secretariat for Small Business and the Self Employed is setting up an EU Programmes Access Network for Micro Firms to encourage, facilitate and stimulate the involvement of Maltese Micro Enterprises in EU Funding Programmes and Initiatives.

A Database of firms providing consultancy services to Micro Enterprises willing to submit project proposals under different Open EU Programmes and Initiatives is therefore being compiled by the Parliamentary Secretariat. The Database will be used by the EU Programmes Access Network for Micro Firms and will be made available as a point of reference to Micro Enterprises in Malta seeking consultancy services when applying for EU Programmes.

Interested firms providing Consultancy Services in EU Funding and willing to be listed on the EU Consultancy Firms Database of the Parliamentary Secretariat for Small Business and the Self Employed, are thus invited to submit their intention in writing to the Parliamentary Secretariat for Small Business and the Self Employed, Ministry for Competitiveness and Communication, Casa Leoni, St. Joseph High Road, Sta. Venera CMR 02 by not later than Wednesday 12th October 2005.

30th September, 2005

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidat nominat skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 ta' l-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Kirkop, huwa dan li ġej, jiġifieri:

Kandidat Nominat

DEBONO SALVU

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur C. Gauci, għal-Lokalità ta' Kirkop, skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, nhar it-Tnejn, it-3 ta' Ottubru, 2005, fis-2.00 p.m. fl-Uffiċċju Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-30 ta' Settembru, 2005

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that the candidate nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule, for the casual election of a Councillor for the Locality of Kirkop, is the following, that is:

Nominated Candidate

DEBONO SALVU

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr C. Gauci, for the Locality of Kirkop, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, on Monday, 3rd October, 2005 at 2.00 p.m. at the Electoral Office, Evans Building, St Elmo Square, Valletta.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

30th September, 2005

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' Fiżjoterapista fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fin-*notice-board* prinċipali tad-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il- Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-30 ta' Settembru, 205

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Result of Interview for the Posts of Physiotherapist in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Director General notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts has been published and may be viewed on the main notice-board at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

30th September, 2005

COMPARATIVE RETURN OF REVENUE
for the period 1st January 2005 to 31st August 2005

		Budget 2005	Actual Revenue Jan - Aug 2005	Actual Revenue Jan - Dec 2004	Actual Revenue Jan - Aug 2004
		Lm	*Lm*	*Lm*	*Lm*
REVENUE					
I	Customs and Excise Duties	71,090,000	41,197,912	62,308,552	37,223,704
II	Licences, Taxes and Fines	96,564,000	57,376,321	97,292,379	65,283,199
III	Income Tax	222,100,000	121,134,521	211,176,584	118,358,348
IV	Value Added Tax	167,403,000	104,107,925	141,570,340	84,411,295
V	Fees of Office	21,480,000	16,354,324	7,234,308	3,736,828
VI	Reimbursements	8,153,000	4,897,794	9,103,850	3,873,735
VII	Public Corporations	2,233,000	1,883,000	2,483,063	1,883,000
VIII	Central Bank of Malta	12,000,000	14,000,530	18,232,819	18,232,819
IX	Rents	8,345,000	7,165,269	13,331,564	5,919,705
X	Dividends on Investment	5,230,000	2,846,893	6,333,288	3,636,837
XI	Repayment of, and Interest on, Loans made by Government	77,000	12,715	489,067	12,850
XII	Social Security	199,100,000	107,980,498	189,657,189	108,387,285
XIII	Grants	74,624,000	35,141,199	30,310,487	12,943,376
XIV	Miscellaneous Receipts	11,685,000	16,371,498	23,503,572	5,105,253
	Total Ordinary Revenue	**900,084,000**	**530,470,399**	**813,027,062**	**469,008,234**
XV	Extraordinary Receipts	54,000,000	4,929,464	8,899,440	8,899,440
XVI	Loans	115,000,000	110,000,000	99,948,200	70,448,200
	Total Non-Ordinary Revenue	**169,000,000**	**114,929,464**	**108,847,640**	**79,347,640**
TOTAL REVENUE		**1,069,084,000**	**645,399,863**	**921,874,702**	**548,355,874**

The Treasury
Authority: Treas 1952 / 2004

N. Camilleri B.A. (Hons.), M.B.A. (Bath)
Accountant General

Date: 06 - 09 - 2005

COMPARATIVE RETURN OF EXPENDITURE
for the period 1st January 2005 to 31st August 2005

		Budget 2005 *Lm*	Actual Expenditure Jan - Aug 2005 *Lm*	Actual Expenditure Jan - Dec 2004 *Lm*	Actual Expenditure Jan - Aug 2004 *Lm*
RECURRENT EXPENDITURE					
1	Office of the President	778,000	405,531	873,360	576,187
2	House of Representatives	1,218,000	749,046	1,077,307	692,985
3	Office of the Ombudsman	175,000	130,000	170,000	130,000
4	National Audit Office	870,000	575,000	825,000	500,000
5	Office of the Prime Minister	5,715,000	2,805,359	5,135,511	3,001,191
6	Public Service Commission	150,000	86,082	143,666	87,844
7	Armed Forces of Malta	13,371,000	8,136,744	12,992,163	7,799,754
8	Information	598,000	298,004	597,000	347,146
9	Government Printing Press	602,000	331,801	582,907	354,366
10	Electoral Office	1,238,000	899,944	1,686,893	1,088,460
11	Ministry for Justice and Home Affairs	3,130,000	1,681,571	2,770,198	1,729,980
12	Judicial	3,732,000	2,530,258	3,800,396	2,450,569
13	Local [Councils] Government	11,213,000	5,578,113	10,522,916	5,370,307
14	Police	16,597,000	9,855,007	16,572,558	10,213,886
15	Correctional Services	2,725,000	1,832,145	2,512,768	1,643,767
Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 14th October, 2005, for:-

Advt. No. FTS-66-05. Supply and installation of laminated flooring gypsum partions and suspended soffit ceilings for the new Foundation for Tomorrow' Schools Offices, Pembroke.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, it-2 Sular, Nru. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. Nru. 21 340 434, *Fax* Nru. 21 336487) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.00 a.m.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni f'Ta' Xbiex.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali) kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis f'nofsinhar.

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tleet ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), kif jidher fil-klawsola ta' hawn fuq. F'dan ir-rigward dawk kollha li jagħmlu l-offerta għandhom, għalhekk, jiffamiljarizzaw ruħhom ma' dawn id-dispożizzjonijiet ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Jinżamm id-dritt li tiġi rrifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-30 ta' Settembru, 2005

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices (2nd Floor, No. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. No. 21 340 434, Fax No. 21 336487), on working days between 8.30 a.m. and 11.00 a.m.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at Ta' Xbiex.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2003, the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders) every Tuesday and Thursday at noon.

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the above mentioned clause, in this regard all tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

30th September, 2005

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Il-Kunsill Malti għall-Isport jgħarraf li sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Ottubru, 2005 jilqa' offerti, għal distribuzzjoni u preparazzjoni ta' dokumenti tal-*payroll* għas-sena finanzjarja.

Id-dokumenti ta' l-offerta u kundizzjonijiet jistgħu jinġabru mill-uffiċċju ta' l-*Accounts* tal-Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Għandu jsir ħlas ta' Lm15 meta jinġabru d-dokumenti.

It-30 ta' Settembru, 2005

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport receives offers up to noon on Wednesday, 12th October, 2005, for the preparation and submission of statutory payroll documents for the financial year.

Tender document and conditions can be collected from the Accounts office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, during office hours.

A fee of Lm15 has to be paid upon collection of documents.

30th September, 2005

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Ottubru, 2005, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tat-Teżor, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WB 43/2005. Xogħlijiet fi Triq il-Firilla, Għajnsielem, Għawdex.

Għandu jithallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WB 44/2005. Xogħlijiet f'parti minn Triq il-Barumbara, Għajnsielem, Għawdex.

Għandu jithallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WB 45/2005. Xogħlijiet f'parti minn Triq Dun Franġisk Mizzi u parti minn 26 ta' Jannar 1855, Għajnsielem, Għawdex.

Għandu jithallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WB 46/2005. Xogħlijiet fi Triq l-Imħallef Cremona, ir-Rabat, Għawdex.

Għandu jithallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WB 47/2005. Xogħlijiet fi Triq Francesco Masini, ir-Rabat, Għawdex.

Għandu jithallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WB 48/2005. Xogħlijiet fi Triq il-Maxrabija, l-Għasri, Għawdex.

Għandu jithallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kondizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mill-Fergħa tax-Xogħlijiet, ir-Rabat, Għawdex, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-30 ta' Settembru, 2005

MINISTRY FOR GOZO

The Director Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services by not later than 10.00 a.m. of Friday, 14th October, 2005, for:-

Advt. No. WB 43/2005. Road works at Triq il-Firilla, Għajnsielem, Gozo.

A fee of Lm10 is to be paid for every copy of tender documents.

Advt. No. WB 44/2005. Road works at part of Triq il-Barumbara, Għajnsielem, Gozo.

A fee of Lm10 is to be paid for every copy of tender documents.

Advt. No. WB 45/2005. Road works at part of Triq Dun Franġisk Mizzi and part of 26 ta' Jannar 1855, Għajnsielem, Gozo.

A fee of Lm10 is to be paid for every copy of tender documents.

Advt. No. WB 46/2005. Road works at Triq l-Imħallef Cremona, Victoria, Gozo.

A fee of Lm10 is to be paid for every copy of tender documents.

Advt. No. WB 47/2005. Road works at Triq Francesco Masini, Victoria, Gozo.

A fee of Lm10 is to be paid for every copy of tender documents.

Advt. No. WB 48/2005. Road works at Triq il-Maxrabija, Għasri, Gozo.

A fee of Lm10 is to be paid for every copy of tender documents.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions, can be obtained from the Works Branch, Victoria, Gozo, during office hours.

30th September, 2005

KUNSILL LOKALI MDINA

Il-Kunsill Lokali Mdina jgħarraf li:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Ottubru 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għas-servizzi li ġejjin:

Avviż Nru. MDN 03/2005. Ġbir ta' skart goff, ġbir ta' skart domestiku, knis u tindif ta' toroq, ħasil tal-bibien prinċipali ta' l-Imdina u ħasil u tindif ta' *litter bins* tat-toroq.

Dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu għall-ħlas ta' Lm25 kull kopja, mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Misraħ il-Kunsill, l-Imdina, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke dik l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-30 ta' Settembru, 2005

MDINA LOCAL COUNCIL

The Mdina Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 14th October 2005, for the following services:-

Advt. No. MDN 03/2005. Collection of bulky refuse, collection of domestic waste, street sweeping and cleaning, washing of doors at main entrances of Mdina and washing and cleaning of street litter bins.

Tender documents can be obtained, against a payment of Lm25 each, from the Local Council's office, Misraħ il-Kunsill, Mdina, between 8.30 a.m. and noon.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous one.

30th September, 2005

KUNSILL LOKALI MQABBA

Il-Kunsill Lokali Mqabba jgħarraf illi:-

Sas-6.30 p.m. ta' nhar it-Tnejn, is-17 ta' Ottubru 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin akkumpanjati b'*bid-bond* ekwivalenti għal 5% tas-somma ta' l-offerta, fil-kaxxa ta' l-offerta, għal:-

a) Tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika, Triq Karmenu Ciantar.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull dokument ta' l-offerta.

b) Tindif ta' l-uffiċċji ta' l-Imqabba, il-librerija u postijiet oħra tal-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

ċ) Kiri ta' kjosk fi ġnien pubbliku inkluż il-manutenzjoni ta' latrina pubblika.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

d) Xiri/kiri ta' *photocopier machine* inkluż ftehim għall-manutenzjoni.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti magħlquin jinfethu fil-pubbliku fid-data u l-ħin ta' l-għeluq.

MQABBA LOCAL COUNCIL

The Mqabba Local Council notifies that:-

Sealed tenders accompanied by a bid-bond equivalent to 5% of the tendering sum, should be deposited in the tender box by 6.30 p.m. of Monday, 17th October 2005, for:-

a) Cleaning and maintenance of public convenience, Triq Karmenu Ciantar.
A fee of Lm30 is to be paid for each tender document.

b) Cleaning of Mqabba offices, library and other Mqabba Local Council premises.
A fee of Lm10 is to be paid for each tender document.

c) Leasing of kiosk in a public garden including maintenance of a public convenience.
A fee of Lm25 is to be paid for each tender document.

d) Purchase/hire of photocopier machine including maintenance agreement.
A fee of Lm10 is to be paid for each tender document.

Sealed tenders will be opened to the public on the closing date and time.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Il-Kunsill Lokali Mqabba jistieden ukoll lir-residenti ta' l-Imqabba biex jinnominaw persuni għall-għotja GIEĦ L-IMQABBA 2005. L-applikazzjonijiet għandhom jittieħdu mill-Kunsill Lokali Mqabba u jintefgħu sas-6.30 p.m. tas-17 ta' Ottubru, 2005.

It-30 ta' Settembru, 2005

The Council reserves the right of refusing even the most advantageous offer.

The Mqabba Local Council invites the Mqabba residents to nominate persons for the award GIEĦ L-IMQABBA 2005. The Applications are to be retrieved from the Mqabba Local Council and submitted by 6.30 p.m. of the 17th October 2005.

30th September, 2005

KUNSILL LOKALI RABAT (GĦAWDEX)

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Rabat (Għawdex) jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Ottubru 2005, il-Kunsill Lokali Rabat (Għawdex) jilqa' offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. 5. Tindif ta' toroq mhux urbani.

Avviż Nru. 6. Ġbir ta' skart domestiku.

Il-formoli ta' l-offerti u tgħarrif ieħor jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Ma' kull formola li tinġabar għandha titħallas Lm15 u l-Kunsill mhux marbut li jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża.

It-30 ta' Settembru, 2005

RABAT (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Executive Secretary of the Rabat Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Rabat (Gozo) Local Council up to 11.00 a.m. of Friday, 28th October 2005, for:-

Advt. No. 5. Cleaning of non urban roads.

Advt. No. 6. Collection of domestic waste.

Tender forms and further information may be obtained from the Council's office on any working day between 8.00 a.m. and noon. A fee of Lm15 is to be paid with each tender form and the Council is not bound to choose the most advantageous offer.

30th September, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1987

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Settembru 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 94/05 RCP, fl-ismijiet Nagia Tarhuni vs Ali Elhemou ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Nagia Tarhuni (ID 301282M) ippreżentat ċitazzjoni fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-4 ta' April 2005, kontra Ali Elhemou fejn talbet il-konvenut għar-raġunijiet premessi għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed (2001) huwa null u mingħajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafi (d) u (f) u l-Artikolu 19A (1) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iż-Żwieġ (Kap. 255).

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 15th September 2005, in the records of the Writ of Summons Number 94/05 (RCP) in the names Nagia Tarhuni vs Ali Elhemou ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Nagia Tarhuni (ID 301282M) filed a writ of summons in the First Hall Civil Court (Family Section) on the 4th April 2005, against Ali Elhemou whereby she asked the defendant why for the reasons premised this Honourable Court should not:

1. Declare and decide that the marriage contracted between the parties on the thirteenth (13) of January of the year two thousand and one (2001) is null and without effect in terms of article 19 subarticle 1 paragraphs (d) and (f) of Article 19 A (1) of the Marriage Act XXXVII of 1975 (Cap. 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullità tiġi reġistrata fuq l-Att taż-Żwieġ relattiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa' nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Innotifika: Ali Elhemou
Flat 5, Brescia Court
Triq l-Ikħal
Marasacala

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri l-Ħamis 18 ta' Awissu 2005, il-kawża Ċit. Numru 94/2005 RCP, fl-ismijiet Tarhuni Nagia vs Elhemou Ali ġiet appuntata għas-smigħ għal-Ħamis 16 ta' Frar 2006, Awla 23, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 23 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Consequently order that this nullity be registered on the relative Act of Marriage.

With costs against the defendant who is summoned from now so that a reference to his oath be made.

Notify: Ali Elhemou
Flat 5, Brescia Court
Ikħal Street
Marsascala

By a Notice of hearing of a case issued by the Registry Superior Courts on Thursday 18th August 2005, the cause Writ of Summons Number 94/2005 RCP, in the names Tarhuni Nagia vs Elhemou Ali was appointed for hearing on Thursday 16th February 2006 Hall 23 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 23rd September 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1988

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-11 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Perit Maurice Captur (ID Numru 525926M), Anthony Bezzina (ID Numru 824853M), Nathalie Bianchi (ID Numru 30630M) u Joan Schranz (ID Numru 244239M) f'isimhom proprju u bħala ko-proprjetarji u għan-nom u fl-interess ta' "Dolphin Court Owners Association" ta' Dolphin Court, Flat 3, Tigne Seafront, Sliema, ippreżentaw Talba fit-2 ta' Mejju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Vivian Pace (ID Numru 690241M) ta' 72, Flat 2, Cambridge Court, Triq Tigne, Sliema, tħallas lill-atturi s-somma ta' ħames mija u għaxar liri Maltin (Lm510) liema ammont huwa dovut lill-atturi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 980/05JB) hija differita għat-3 ta' Ottubru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 27 ta' Settembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 11th July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

AIC Maurice Captur (ID number 525926M), Anthony Bezzina (ID number 824853M), Nathalie Bianchi (ID number 3630M) and Joan Schranz (ID number 244239M) in their own name as co-owners and for and on behalf and in the interest of "Dolphin Court Owners Association" of Dolphin Court, Flat 3, Tigne Seafront, Sliema filed a Claim on the 2nd May 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Vivian Pace (ID number 690241M) of 72, Flat 2, "Cambridge Court", Triq Tigne, Sliema, to pay the plaintiffs the sum of five hundred and ten Maltese liri (Lm510) which amount is due to the plaintiffs.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 980/05JB) is put off for the 3rd October 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 27th September 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1989

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Settembru 2005 fl-atti ta' l-Avviż numru 907/04 JR, fl-ismijiet Karl u Nadine konjugi Pace vs Peter J. Sullivan et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellati Karl u Nadine Pace a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Lulju 2005 fl-atti ta' l-Avviż Numru 907/04 JR fl-ismijiet Karl u Nadine konjugi Pace vs Peter J. Sullivan et, is-soċjetà kjamata fil-kawża Thomas Smith & Co Ltd (C 860) esponiet bir-rispett:

Illi permezz ta' l-avviż numru 907/04, li ġie ppreżentat fit-28 ta' April 2004 l-atturi appellati ppremettew:

a) Illi f'April 2003 kienu għamlu depożitu mal-konvenuti P & A Sullivan Limited ta' elf mija tnejn u tletin lira Maltija (Lm1,132.00c) fuq akkont versu l-prezz ta' vjaġġi u akkomodazzjoni fuq cruise liner f'Mejju ta' l-istess sena.

b) Illi sussegwentement huma kienu kkanċellaw il-booking tagħhom għal dan il-vjaġġ għal raġunijiet validi fil-liġi.

ċ) Illi l-konvenuti għalkemm interpellati diversi drabi naqsu li jirrifondu lill-atturi d-depożitu sħiħ, u cioé żammew ħames mija ħamsa u sittin lira Maltija (Lm565.00c).

Talbiet.

Illi l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jiġu ordnati jirrifondu lura lill-atturi l-ammont ta' ħames mija ħamsa u sittin lira Maltija (Lm565.00c) bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Settembru 2003 u bl-imgħax legali mid-data tal-kanċellament imsemmi kontra l-konvenuti.

Eċċezzjonijiet.

Illi wara l-kjamata fil-kawża ta' l-esponenti s-soċjetà esponenti eċċepiet illi t-talba attriċi fil-konfront tas-soċjetà kjamata fil-kawża għandha tiġi respinta stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti;

.....Omissis.....

Illi permezz tas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2005, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar laqgħa t-talbiet attriċi fil-konfront ta' l-esponenti u ċaħdet l-eċċezzjonijiet sollevati mill-esponenti.

Illi l-esponenti tħoss ruħha aggravata bis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u għalhekk qiegħda tinterponi appell mill-istess.

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 2nd September 2005, in the records of the Notice number 907/04 JR, in the names Karl and Nadine spouse Pace vs Peter J. Sullivan et ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Karl and Nadine Pace in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Court of Appeal on the 8th July 2005, in the acts of the Notice Number 907/04 JR, in the names Karl and Nadine spouses Pace vs Peter J Sullivan et, the company called into the suit Thomas Smith & Co Ltd (C 860), pleaded with respect:

That by means of a notice number 907/04, which was filed on the 28th April 2004, the respondent plaintiffs premised:

a) That in April 2003 they had made a deposit with the defendants P & A Sullivan Limited of one thousand one hundred and thirty two Maltese liri (Lm1,132.00c) on account, towards the price of tours and accommodation on cruise liner in May of the same year.

b) That subsequently they had cancelled their booking for this tour for valid reasons at law.

c) That the defendants although called upon various times to refund the plaintiffs the whole deposit, held five hundred and sixty five Maltese liri (Lm565.00c).

Demands.

That the plaintiffs asked so that the defendants be ordered to refund the plaintiffs the amount of five hundred and sixty five Maltese liri (Lm565.00c) with costs, including those of the judicial letter of the 12th September 2003, and with legal interest from the date of the cancellation mentioned against the defendants.

Pleas.

That following the calling into the suit of the applicant the applicant company, pleaded that the demands of the plaintiff against the party called into the suit is to be rejected since it is unfounded in fact and at law for the following reasons;

.....Omissis.....

That by means of a judgement given on the 24th June 2005, the Small Claims Tribunal upheld the plaintiff's demands against the applicant and rejected the pleas raised by the applicant.

That the applicant felt aggrieved by the judgement given by the Court of First Instance and is thus humbly filing an appeal therefrom.

Fatti tal-każ.

.....Omissis.....

Aggravji

Illi l-aggravji ta' l-esponenti huma s-segwenti:

Illi fl-ewwel lok l-esponenti qatt ma kellha tiġi mħarrka personalment. Kif jirriżulta mix-xhieda mogħtija minn Dennis Galea (seduta tat-28 ta' Frar 2005) il-kumpannija kjamata fil-kawża hija 'international sales agent ma' Ptincess Cruise Liners' . Bħala tali hija taġixxi biss bħala aġent tal-prinċipal tagħha (Princess Cruise Liners). Fatt li ġie kkonfermat minn Peter Sullivan stess (seduta tas-16 ta' Frar 2005) fejn iddikjara li 'jiena d-depożitu ħallastu lil Thomas Smith li huma l-aġenti tal-Princess Cruises'.

It-Tieni Aggravju.

Illi t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi u x-xhieda miġjuba quddiemu.

Fl-ebda mument ma sar ftehim kif assuma l-Onorabbli Tribunal fis-sentenza tiegħu fejn is-soċjetà esponenti awtorizzat lis-soċjetà konvenuta P & A Sullivan Ltd sabiex tirrappreżentaha, jew topera f'isimha.

.....Omissis.....

Fil-każ odjern, is-soċjetà P & A Sullivan Ltd biegħet f'isimha stess pakkett turistiku ta' cruise lill-klijenti tagħha Karl u Nadine Pace. Għaldaqstant għalkemm huwa ċar li teżisti rabta kuntrattwali bejn is-soċjetà P & A Sullivan Ltd u l-atturi, huwa ugwalment ċar illi ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-esponenti u l-atturi, peress illi fl-ebda mument P & A Sullivan Ltd ma kienet qed tirrappreżenta lis-soċjetà esponenti jew lill-Princess Cruises. Għaldaqstant is-soċjetà esponenti qatt ma kkuntrattat ma' l-atturi appellati u għalhekk ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika. Tant hu hekk li l-atturi appellati ħarrku, ġustament lill-appellati l-oħra P & A Sullivan Ltd.

It-Tielet Aggravju.

Illi bla preġudizzju għall-premess, l-Onorabbli Tribunal naqas milli jieħu in konsiderazzjoni l-konsegwenzi li tispeċifika kjarament il-liġi f'materja ta' kuntratti, speċjalment dawk li jinsabu fl-Artikoli 992 u 993 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

992. (1) Il-kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.

(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.

Facts of the case.

.....Omissis.....

Grievances.

That the grievances of the applicant are the following:

That in the first place the applicant should have never been personally sued. As results from the evidence given by Dennis Galea (sitting of the 28th February 2005) the company called into the suit is an 'international sales agent with Princess Cruise Liners'. As such it acts only as agent of its principal (Princess Cruise Liners). A fact which was confirmed by Peter Sullivan himself (sitting of the 16th February 2005) whereby he declared that 'I paid the deposit to Thomas Smith who are the agents of Princess Cruises'.

The Second Grievance.

That the Tribunal failed to make a correct evaluation of the proof and evidence brought before it.

At no moment, was there an agreement as assumed by the Honourable Tribunal in its judgement, whereby the applicant company authorized the defendant company P & A Sullivan Ltd to represent it, or operate in its name.

.....Omissis.....

In the present case, the company P & A Sullivan Ltd, sold in its name a tourist package of a cruise to its clients Karl and Nadine Pace. Thus although it is clear that there exists a contractual relationship between the company P & A Sullivan Ltd and the plaintiffs, it is equally clear that there exists no juridical relationship between the applicant and the plaintiffs, because at no moment P & A Sullivan was representing the applicant company or Princess Cruises. Thus the applicant company never contracted with the respondent plaintiffs and thus never exists no juridical relationship. So much so that the respondent plaintiffs, justly sued, the other respondents P & A Sullivan Ltd.

The Third Grievance.

Without prejudice to the premised, the Honourable Tribunal failed to take into consideration the consequences which the law clearly specifies in the matter of contracts especially those found in Articles 992 and 993 of the Civil Code (Cap. 16).

992. (1) Contracts made according to law have the force of law between the contracting parties.

(2) These contracts cannot be cancelled except with the consent of all the parties, or for reasons stipulated in the law.

993. Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom iżda wkoll għal konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha, bl-ekwita, bl-użu jew bil-liġi.

.....Omissis.....

Għalhekk, l-atturi appellati tterminaw kuntratt illi kien validu fil-liġi u li kellu s-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet (pacta sunt servanda). Fl-ebda stadju tal-proċeduri ma jidhru li kkontestaw il-validità ta' dan il-kuntratt. Il-kondizzjonijiet kienu jikkontemplaw ħlas ta' miżata ugwali għall-'Brochure Deposit Amounts' jiġifieri Lm515.00c f' każ ta' kanċellament u dik il-kondizzjoni kellha s-saħħa ta' liġi. L-atturi ma jistgħux jippretendu illi jħassru ftehim minħabba fattur li kien indipendenti u estranju mill-volonta tal-partijiet.

It-Tielet Aggravju.

Il-prezz komplessiv li kienu ħallsu l-atturi għall-cruise in kwistjoni kien jammonta għas-somma ta' Lm1,132.00c. Is-soċjetà esponenti ħallset lura lis-soċjetà appellate P & A Sullivan Ltd is-somma ta' Lm617.00c u b'hekk is-soċjetà estera Princess Cruises żammet biss id-depożitu fl-ammont ta' Lm515.00c.

.....Omissis.....

Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti filwaqt li tagħmel riferenza għall-atti tal-kawża u jirriżerva li tressaq dawk il-provi kollha li huma permissibbli skond il-liġi, titlob

għaldaqstant is-soċjetà esponenti filwaqt li tagħmel riferenza għall-atti tal-kawża u jirriżerva li tressaq dawk il-provi kollha li huma permissibbli skond il-liġi, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-24 ta' Ġunju 2005, tiċħad it-talbiet kollha ta' l-atturi in kwantu dawn jirreferu għall-esponenti, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-esponent.

Bl-ispejjeż kontra l-appellati.

Appellati: .....Omissis.....

Karl u Nadine konjugi Pace,
Flat 27, Verdala,
St. George's Park, San Ġiljan (żewġ notifiki)

Reġistru tal-Qorti ta' l-Appell (Appelli Inferjuri) illum 26 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

993. Contracts are to be executed in good faith and are binding not only as regards their contents, but for all the consequences emerging from the obligation, with equity , use or by law.

.....Omissis.....

Thus, the respondent plaintiffs, terminated a contract which was valid at law and which had the force of law between the parties (pacta sunt servanda). At no stage of the procedures does it appear that they contested the validity of this contract. The conditions contemplated a payment of a fee equal to 'Brochure Deposit Amounts' that is Lm515.00c in case of cancellation and that clause, had the force of law. The plaintiffs could not expect to cancel an agreement due to a factor which was independent and extraneous to the will of the parties.

The third Grievance.

The global price paid by the plaintiffs for the cruise in question amounted to the sum of Lm1,132,00c. The applicant company paid the respondent company P & A Sullivan Ltd the sum of Lm617.00c and thus the foreign company Princess Cruises held only the deposit in the amount of Lm515.00c.

.....Omissis.....

Thus the applicant company whilst referring to the records of the cause and reserves to bring forward all the proof permitted by law, prays

thus the applicant company, whilst referring to the records of the cause and reserves to bring forward all the proof permitted by law, pray with respect this Honourable Court to revoke the judgement given by the Court of First Instance on the 24th June 2005, rejects all the demands of the plaintiff in so far as these refer to the applicant, whilst upholding all the please raised by the applicant.

With costs against the respondents.

Respondents: .....Omissis.....

Karl and Nadine spouses Pace,
Flat 27, Verdala,
St. George's Park, St. Julians (two services)

Registry of the Court of Appeal (Inferior Appeals) today 26th September 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1990

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Settembru 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Carmelo Cutajar (Karta ta' l-ID 444746M) u Sylvia Cutajar (Karta ta' l-ID 0804647M) ta' "Charsylve", Triq San Tumas, Birżebbuġa, ippreżentaw avviż fit-8 ta' April 2005, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Koperattiva tat-Tjur Ltd (C27064) ta' Medina HF 13, Qasam Industrijali, Ħal Far, tħallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, sitt mija u sitta u disgħin lira Maltija u tmienja u ħamsin ċenteżmu (Lm2,696.58) liema ammont huwa dovut lill-atturi għar-raġunijiet imsemmijin fl-Avviż.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjetà konvenuta inġunta għas-subizzjoni.

Il-kawża (Avviż Nru 199/05MM) hija differita għas-26 ta' Ottubru 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 28 ta' Settembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 13th September 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Carmelo Cutajar (ID Card 444746M) and Sylvia Cutajar (ID Card 0804647M) of "Charsylve", Triq San Tumas, Birżebbuġa, filed a Notice on the 8th April 2005, whereby they asked the Court to condemn Koperattiva tat-Tjur Ltd (C 27064) of Medina HF 13, Industrial Estate, Ħal Far, to pay the plaintiff the sum of two thousand, six hundred and ninty six Maltese liri and fifty eight cents (Lm2,696.58) which sum is due to the plaintiffs for reasons mentioned in the Notice.

With costs and legal interests against the defendant company which is summoned so that a reference to its evidence be made.

The case (Notice Number 199/05MM) is put off to the 26th October 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 28th September 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1991

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-19 ta' Settembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fis-26 ta' Lulju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil John Abela Ltd (C18181) ta' "Annie House", Triq Giovanni Barbara, il-Ħamrun, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disa' mija u dsatax-il lira Maltija u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm919.74) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 1570/05ISB) hija differita għall-11 ta' Ottubru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 28 ta' Settembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 19th September 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 26th July 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn John Abela Ltd (C18181) of "Annie House", Triq Giovanni Barbara, Ħamrun, to pay the plaintiff company the sum of nine hundred and ninteen Maltese liri and seventy four cents (Lm919.74) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1570/05ISB) is put off to the 11th October 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 28th September 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1992

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fit-23 ta' Awissu 2005 (Rikors numru 75/2005) mill-Perit Saviour Micallef et, intalbet l-apertura tas-SUĊĊESSJONI ta' Frances Micallef, xebba, bint il-mejtin Felix Micallef u Clemenzia née Galea, imwielda r-Rabat, Għawdex fejn kienet residenti u fejn mietet fit-23 ta' Frar 2004, intestata, liema apertura għandha ssir a favur l-esponenti u cioè a favur tal-Perit Saviour Micallef, Maria Micallef u Margaret Galea, mart Joseph Galea u bint il-mejjet Felix Micallef u l-mejta Georgia née Grech, ilkoll aħwa Micallef, fi kwota ta' parti waħda minn tlieta (1/3) kull wieħed u waħda minnhom.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'din imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Volontarja
Illum 27 ta' Settembru 2005

MARY JANE ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT IS hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 23rd August 2005 (Application number 75/2005) Architect and Civil Engineer Saviour Micallef and others requested the opening of the SUCCESSION of Frances Micallef, a spinster, daughter of the late Felix Micallef and of the late Clemenzia née Galea, born in Victoria, Gozo where she used to reside, and where she died on the 23rd February 2004, intestate, and which opening of succession is to be made in favour of applicants, and namely in favour of Architect and Civil Engineer Saviour Micallef, Maria Micallef and Margaret Galea, wife of Joseph Galea and daughter of the late Felix Micallef and the late Georgia née Grech, brothers and sisters Micallef, as to one third (1/3) part each.

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Voluntary Jurisdiction
This 27th September 2005

MARY JANE ATTARD
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1993

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fil-5 ta' Lulju 2005 (Rikors numru 56/2005) minn Joseph Xuereb et, intalbet l-apertura tas-SUĊĊESSJONI ta' Consiglia Grima, armla ta' Nazzareno Grima, bint il-mejtin Giuseppe Xuereb u Angela née Azzopardi, imwielda ir-Rabat, Għawdex fejn mietet fit-18 ta' Marzu 2005, intestata, liema apertura għandha ssir a favur l-esponenti u cioè a favur ta' Joseph Xuereb, Emanuel Xuereb, Giovanna sive Jane Spiteri, Saviour Borg, Sebastian sive Bastjan Borg, Joseph Borg, fi kwota ta' settima parti kull wieħed (1/7) kull wieħed u waħda minnhom u ta' Adriana Borg, Doris Mangion u Natalina Camilleri wieħed minn wieħed u għoxrin parti (1/21) kull wieħed u waħda minnhom.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'din imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja, illum 27 ta' Settembru 2005

MARY JANE ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT IS hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 5th July 2005 (Application number 56/2005) Joseph Xuereb and others requested the opening of the SUCCESSION of Consiglia Grima, widow of Nazzareno Grima, daughter of the late Giuseppe Xuereb and of the late Angela née Azzopardi, born in Victoria, Gozo and where she died on the 18th March 2005, intestate, and which opening of succession is to be made in favour of applicants, and namely in favour of Joseph Xuereb, Emanuel Xuereb, Giovanna sive Jane Spiteri, Saviour Borg, Sebastian sive Bastjan Borg, Joseph Borg as to one seventh (1/7) part each and of Adriana Borg, Doris Mangion and Natalina Camilleri as to one of twenty one (1/21) part each.

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, this 27th September 2005

MARY JANE ATTARD
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1994

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fil-5 ta' Settembru 2005 (digriet numru 58/2005) fuq rikors numru 97/2004 ġiet INABILITATA milli tagħmel atti anke ta' sempliċi amministrazzjoni mingħajr l-assistenza tal-kuratur tagħha nominat bl-istess digriet, MARIA PORTELLI, xebba, bint il-mejjet Franġisk Portelli u Carmela née Portelli, imwielda r-Rabat, Għawdex u toqgħod ix-Xagħra, Għawdex (karta ta' identità numru 49941 (G)).

Ħuha Carmel Portelli, ġie bl-istess digriet nominat kuratur tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 27 ta' Settembru 2005

MARY JANE ATTARD
Għar-Reġistratur
Qrati u Tribunali, Għawdex

IT is hereby notified that the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, by virtue of a decree delivered on 5th September 2005 (Decree number 58/2005) in the records of application number 97/2004, ordered that MARIA PORTELLI, spinster, daughter of Frangisk and of Carmela née Portelli, born in Victoria, Gozo and residing at Xagħra, Gozo (Identity Card number 49941(G)) be INCAPACITATED from performing acts even of simple administration without the assistance of her curator nominated by virtue of said decree.

Her brother Carmel Portelli, has been nominated as her curator by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Voluntary Jurisdiction

This 27th September 2005

MARY JANE ATTARD
For the Registrar
Gozo Courts and Tribunals

1995

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-6 ta' Ġunju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fid-29 ta' April 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Triden Global Tours Limited ta' 2nd Floor, Triq il-Ħerba, Birkirkara, tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tnejn u tmenin lira Maltija u disa' u tletin ċenteżmu (Lm82.39) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 957/05PM) hija differita għas-26 ta' Ottubru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 28 ta' Settembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 6th June 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 29th April 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Triden Global Tours Limited of 2nd Floor, Triq il-Ħerba, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of eighty two Maltese liri and thirty nine cents (Lm82.39) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 957/05PM) is put off to the 26th October 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 28th September 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*